Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' April 2007

dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali marbuta ma' l-attivitajiet tat-trasport bit-triq

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1470)

(2007/230/KE)

(ĠU L 219M, 24.8.2007, p. 486)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/959/UE tal-14 ta' Diċembru 2009	L 330	80	16.12.2009

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 101, 11.4.2008, p. 11 (2007/230/KE)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' April 2007

dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali marbuta ma' l-attivitajiet tat-trasport bit-triq

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1470)

(2007/230/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/22/KE tal-15 ta Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' l-attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 2006/22/KE, il-Kummissjoni għandha tfassal formola elettronika u li tista' tiġi stampata biex tintuża meta sewwieq kien b'liv tal-mard jew b'liv annwali, jew meta s-sewwieq ikun saq karozza oħra eżentata mill-ambitu tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 561/2006 tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq ([2]).

(2) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ([3]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-formola msemmija fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2006/22/KEE għandha tkun kif stipulata fl-Anness ta' din-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35.
([2]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

▼M1

ANNESS

ĊERTIFIKAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET [1]

(IR-REGOLAMENT (KE) Nru 561/2006 JEW L-AETR [2]**)**

Għandha timtela bit-tajpjar u għandha tkun iffirmata qabel vjaġġ.

Għandha tinżamm mar-reġistri oriġinali tat-tagħmir ta' kontroll kulfejn hemm ir-rekwiżit li jinżammu

False attestations constitute an infringement

Din il-parti għandha timtela mill-impriża

1. Isem l-impriża: .....
2. L-indirizz tat-triq, il-kodiċi postali, il-belt, il-pajjiż: .....
3. In-numru tat-telefown (bil-prefiss internazzjonali inkluż): .....
4. In-numru tal-feks (bil-prefiss internazzjonali inkluż): .....
5. L-indirizz tal-posta elettronika: .....

Jiena, li qed niffirma hawn taħt:

6. Kunjom u isem: .....
7. Kariga fl-impriża: .....

niddikjara li s-sewwieq:

8. Kunjom u isem: .....
9. Data tat-twelid (jum/xahar/sena): .....
10. In-numru tal-liċenzja tas-sewqan jew tal-karta tal-identità jew tal-passaport: .....
11. li beda jaħdem fl-impriża fil-(jum/xahar/sena): .....

għall-perjodu:

12. minn (ħin/jum/xahar/sena): .....
13. sa (ħin/jum/xahar/sena): .....
14. ☐ kien bil-liv tal-mard (*)
15. ☐ kien bil-liv annwali (*)
16. ☐ kien bil-liv jew serħan (*)
17. ☐ saq vettura eżentata mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew l-AETR (*)
18. ☐ għamel xogħol ieħor flok sewqan (*)
19. ☐ kien disponibbli (*)

20. Post: ..... Data: .....

Firma

21. Jiena, is-sewwieq, nikkonferma li ma kontx qed insuq vettura li taqa' taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew tal-AETR matul il-perjodu msemmi hawn fuq.

22. Post: ..... Data: .....

Firma tas-sewwieq

(1) Din il-formola hija disponibbli fil-versjoni elettronika u li tista' tiġi stampata fuq l-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu

(2) Ftehim Ewropew dwar ix-xogħol tal-ekwipaġġi li jaħdmu fuq vetturi użati għat-trasport fuq it-toroq internazzjonali.

(*) Għażel kaxxa waħda biss.